MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 204/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Karen Xuereb abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Karen Xuereb (ID309673M) u wkoll Theresa Xuereb (ID322850M)**

**vs**

**Joseph Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lill-atturi s-somma ta' seba mija u disgha liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm709.87) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Karen Xuereb assikurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe u li ghalihom ghamlu tajjeb kwantu ghall-ammont ta Lm

612.73 is-socjeta' attrici Fogg Insurance, kwantu ghal Lm25 l-istess Karen Xuereb in linea ta excess payment oltre Lm72.14 rapprezentanti spejjez medici inkorsi minn Theresa Xuereb bhala rizultat ta l-incident stradali li sehh fis-6 ta' Mejju 2003 ghal habta tat-3.15 gewwa Triq Regjonali, Gzira bejn il-vettura proprjeta' tal-attrici Karen Xuereb bin-numru ta' registrazzjoni CBA 235 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta registrazzjoni LAW 892 liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta traskuragni, negligenza, mperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici Gasanmamo Insurance Ltd oltre l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dana l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma dehrux la fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' seba mija u disgha lira Maltija u sebgha u tmenin centemzu (Lm709.87) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dana l-att u bl-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-precitata ittra ufficcjali a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------